MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 458/2006

Bank of Valletta p.l.c.
vs
Dr. Anthony Philip u Mary Anne mizzewgin Farrugia, Mary Anne Farrugia bhala amministratrici tal-beni parafernali taghha, u Schemfar Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-P.L. Joseph Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta p.l.c. li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fi tliet kuntratti datati fit-28 ta’ Frar 1990 fl-atti Nuttar Dottor Antonio Carbonaro, u dawk tat-18 ta’ Mejju 1990, u fl-14 ta’ Marzu 1991 fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Carbonaro (Dok A, B u C), is-socjeta` rikorrenti kienet ikkoncediet faciltajiet bankarji lil intimati Dr. Anthony Philip u Mary Anne mizzewgin Farrugia.

2. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet tinsab kreditrici tal-intimati Dr. Anthony Philip u Mary Anne mizzewgin Farrugia fis-somma ta' tmienja u hamsin elf, tmien mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm58,825.89) bilanc ghad-debitu fil-"Loan u l-Overdraft Accounts" tal-intimati mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok "D1" sa "D3", u "E1 sa E109") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-30 t'April 2006 sad-data ta' l-effettiv pagament.

3. Illi permezz ta' skrittura privata u cioe` dik datata fit-3 t'Awissu 1998 (Dok "F"), l-intimata Mary Anne Farrugia kienet iggarantiet flimkien u "in solidum" ma' Dr. Anthony Philip Farrugia ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' zewgha Dr. Anthony Philip Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c.

4. Illi permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Peter Carbonaro ta' l-14 ta' Marzu 1991 (Dok "C"), is-socjeta` Schemfar Limited kienet iggarantiet flimkien u "in solidum" ma' Dr. Anthony Philip u Mary Anne mizzewgin Farrugia ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c id-debiti ta' l-istess Dr. Anthony Philip u Mary Anne mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c.

5. Illi l-attur nomine kien jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

6. Illi l-intimati Dottor Anthony Philip u Mary Anne mizzewgin Farrugia, kif ukoll is-socjeta` Schemfar Limited kienu gew interpellati permezz ta' tliet ittri ufficjali datati fis-7 ta' Lulju 2005 li kopja taghhom gew esebiti mar-rikors u mmarkati Dok "G", "H", u "I", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn kienu baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Il-bank rikorrent talab lill-Qorti:

Tikkundanna lil Dottor Anthony Philip u Mary Anne mizzewgin Farrugia, u lis-socjeta` Schemfar Limited ihallsu lis-socjeta` rikorrenti flimkien u in solidum bejniethom is-somma ta' tmienja u hamsin elf, tmien mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin u disgha u tmenin centezmu

(Lm58,825.89) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u l-Overdraft Accounts” ta’ Dr. Anthony Philip u Mary Anne mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok ‘D1’ sa ‘D3’, u Dok ‘E1’ sa ‘E109’) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-30 t’April 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittri ufficjali datati 7 ta’ Lulju 2005 mibghuta lill-konvenuti kif ukoll tal-Mandati ta’ Sekwestru li kienu gew prezentati kontestwalment kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju ghal proceduri ohra intavolati kontra l-istess Dottor Anthony u Mary Anne mizzewgin Farrugia mis-socjeta` rikorrenti ghal bilanci ohra dovuti minnhom lis-socjeta` attrici.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank rikorrent.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensur tal-bank rikorrent.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**
Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Anthony P. Farrugia pprezenta nota ta’ ammissjoni ghan-nom tal-intimati.

**C. KONKLUZJONIJIET:**
Illi fuq ammissjoni t-talba tal-bank rikorrent tidher gustifikata u l-Qorti qed tilqaghha u ghalhekk tikkundanna lil Dottor Anthony Philip u Mary Anne mizzewgin Farrugia, u lis-socjeta` Schemfar Limited ihallsu lis-socjeta` rikorrenti flimkien u ***in solidum*** bejniethom is-somma ta’ tmienja u hamsin elf, tmien mija u hamsa u ghoxrin Liri Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm58,825.89) bilanc ghad-debitu fil-“***Loan*** u l-***Overdraft Accounts***” ta’ Dr. Anthony Philip u Mary Anne mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mit-30 t’April 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 7 ta' Lulju 2005 kif ukoll tal-Mandati ta' Sekwestru kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------